

Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-005505/2018

lill-Kummissjoni

Artikolu 130 tar-Regoli ta' Proċedura

Julie Ward (S&D), Tanja Fajon (S&D), Deirdre Clune (PPE), Biljana Borzan (S&D), Pascal Durand (Verts/ALE), Jana Žitňanská (ECR) u Miriam Dalli (S&D)

Suġġett: Il-finanzjament tan-Netwerk Ewropew dwar I-Għajxien Indipendenti (ENIL)

L-ENIL huwa l-uniku netwerk għad-diżabilità trasversali mmexxi mill-utenti, li jipromwovi l-aċċess tal-persuni b'diżabilità għal għajxien indipendenti u li dawn jiġu inklużi fil-komunità – wieħed mill-aktar drittijiet trasversali fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCPRD).

Għal 10 snin, l-ENIL ibbenefika minn appoġġ mill-Kummissjoni fil-forma ta' ftehimiet qafas pluriennali. Din l-għotja, li tkopri l-ispejjeż operattivi tan-netwerks tad-diżabilità, ippermettiet lill-ENIL jistabbilixxi uffiċċju b'persunal dedikat (inklużi persuni b'diżabilità), jieħu sehem f'bosta proġetti u jkabbar Netwerk taż-Żgħażaġħ attiv. Fi tmiem l-2017, il-Kummissjoni temmet dan l-appoġġ, b'ġustifikazzjoni mogħtija fi ftit paragrafi qosra. Qabel dan, l-ENIL qatt ma rċieva rispons negattiv mill-Kummissjoni u l-aktar awditjar reċenti kien ta' suċċess.

X'inhu l-iskop għala l-Kummissjoni waqqfet l-appoġġ tagħha għall-uniku netwerk għad-diżabilità trasversali mmexxi mill-utenti fil-livell tal-UE, meta l-ENIL hija organizzazzjoni tant rispettata u meta eluf ta' persuni b'diżabilità fl-UE għadhom jgħixu f'istituzzjonijiet residenzjali b'soġġorn fit-tul jew għadhom mingħajr appoġġ adegwat?

X'qiegħda tagħmel il-Kummissjoni biex tkompli l-finanzjament għall-ENIL, sabiex dan ikun jista' jkompli jappoġġja miljuni ta' persuni b'diżabilità fl-Ewropa?